press release

## DHL mill-ġdid huma l-isponsors prinċipali ta' Beethovenfest

Deutsche Post DHL, il-kumpanija li tagħha hi sussidjarja DHL Express, huma l-isponsors prinċipali tal-Beethovenfest, li bħal issa qegħda sseħħ f'Bonn, fil-Ġermanja, sas-7 ta' Ottubru. Bħal ma għamlu fi snin imgħoddija, apparti milli huma sponsors finanzjarji ta' dan l-avveniment mużikali kbir, il-kumpanija se jkollha ukoll numru ta' avvenimenti b'xejn fis-Sala tat-Torri Postali.

L-għan ewlieni ta' dawn l-avvenimenti hu biex jippromwovu talent żgħażugħ u biex jgħin programm għal nies interessati fl-arti iżda li ma jmorrux kunċerti klassiċi b'mod regolari.

"Flimkien mal-parteċipazzjoni tagħna f'ħafna attivitajiet lokali oħra, l-appoġġ tagħna fuq medda ta' żmien bħala sponsor ewlieni tal-Beethovenfest jibgħat messaġġ qawwi fuq l-impenn tagħna kontiwu lejn attivitajiet kulturali u edukattivi fl-uffiċċjini ewlenin ta' Deutsche Post DHL," jgħid Christof Ehrhart, Direttur ta' Komunikazzjoni Korporattiva u Risponsabbiltà Korporattiva għand Deutsche Post DHL "Dan hu r-raġun għaliex inġeddu b'entiżjażmu l-parteċipazzjoni tagħna f'dan l-avveniment kulturali importanti fil-belt tagħna."

Matul Beethovenfest 2012, se jkun hemm numru varjat ta' avvenimenti fis-Sala tat-Torri Postali bit tema "Moħħ għalih innifsu" sas-7 ta' Ottubru, 2012. Il-programm jinkludi mużika tal-kamra u chanson fil-films, kunċerti bil-vidjo u kunċerti jazz. Dħul hu b'xejn għal kulħadd.

Wieħed mill-għanijiet ta' dawn l-avvenimenti hu li nagħtu opportunità lil talent żgħażugħ biex jippromwovu artisti żgħażagħ. Tista' tirriżerva siġġu mis-sular ewlieni tat-Torri Postali, billi ċċemplu +49 0228-502010 jew iżżuru is-sit elettroniku www.bonnticket.de.

Apparti minn dawn l-attivitajiet kulturali, Deutsche Post DHL qegħdin jikkoperaw ma' Beethovenfest Bonn, l-organizzazzjoni Bürger für Beethoven, l-inizjattiva mużikali Ludwig van B u Musikschule Bonn għall-festival tal-mużika "Żarma l-palk għal Beethoven".

**– Tmiem –**

**Caption:**

**Matul Beethovenfest 2012, se jkun hemm numru ta' avvenimenti fis-Sala tat-Torri Postali bit-tema "Moħħ għalih innifsu"**

**Media contact:**

**DHL Express – Malta Media Relations**
Malcolm J Naudi
Malcolm J Naudi Communications
Tel.: +356 2137-0495; +356 9990-0207
E-Mail: info@mjncommunications.com

**DHL** – The Logistics company for the world

DHL is the global market leader in the logistics industry and "The Logistics company for the world". DHL commits its expertise in international express, air and ocean freight, road and rail transportation, contract logistics and international mail services to its customers.
A global network composed of more than 220 countries and territories and about 275,000 employees worldwide offers customers superior service quality and local knowledge to satisfy their supply chain requirements. DHL accepts its social responsibility by supporting climate protection, disaster management and education.
DHL Express was set up as a wholly owned subsidiary in Malta in 1983. It has 41 employees and operates from a dedicated logistics centre at Malta International Airport.

DHL is part of Deutsche Post DHL. The Group generated revenue of €53 billion in 2011.

For more information: www.dp-dhl.com